# IR-RABA' PARTI
# QORTI TAL-KUMMERĊ

**7 ta' Jannar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

John Scicluna *noe*

*versus*

Paul Pizzuto

**Servizz ta' Telefon – Kuntratt '*Ad Hoc*' – Preskrizzjoni**

*L-attur qiegħed jippretendi li jkun kanonizzat kreditur tal-konvenut f'ammont in konnessjoni mas-servizz tat-telefon.*

*F'ammont il-Qorti jidhrilha li dan mhux kuntratt ta' kiri ta' ħwejjeġ mobbli iżda kuntratt 'ad hoc' li bih jingħata servizz ta' telefon permezz ta' stallazzjoni ta' tagħmir u apparat li jkun stallat għand l-abbonat u li jkun ikkomunikat ma' l-abbonati l-oħra kollha tramite 'cables' u apparat stallat fl-'exchanges' tal-Korporazzjoni.*

*Għalhekk il-kreditu ta' l-attur ma jistax jiġi kolpit bil-preskrizzjoni ta' l-għeluq ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjoni ta' kull persuna għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli.*

*Il-konvenut qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi skond ir-regolamenti viġenti u l-ftehim eżistenti bejn il-partijiet il-konvenut għandu jagħti lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm310.28,0 (tliet mija u għaxar liri maltin, tmienja u għoxrin ċenteżmu) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 773311 liema servizz kien stallat fil-fond KW 5 *Industrial Estate Corradino* u kien jikkonsistit tali servizz fil-kera, telefonati lokali '*installation fee*' apparat tat-telefon mhux irritornat u ittra uffiċjali;

U peress illi l-istanti *nomine* diversi drabi interpella lill-konvenut iżda dan baqa' inadempjenti; l-istess attur talab li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm310.28,0 (tliet mija u għaxar liri maltin, tmienja u għoxrin ċenteżmu) dovuti għall-kera, telefonati lokali, '*installation fee*' apparat tat-telefon mhux irritornat u ittra uffiċjali, relattivament għas-servizz tat-telefon bin-numru 773311 li l-attur *nomine* fuq talba tal-konvenut kien stalla fil-fond KW 5 *Industrial Estate Corradino;*

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li bi eċċepixxa;

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu rriġettati bl-ispejjeż *stante* li huma preskritti *ai termini* ta' l-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Eżaminat il-provi kollha li tressqu u rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża. Senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet li skambjaw bejniethom l-abili difensuri tal-kontendenti;

Semgħet lill-istess difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili, ċjoè d-disposizzjoni li tgħid li l-azzjoni ta' kull persuna għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli taqa' bi preskrizzjoni ta' l-għeluq ta' tmintax-il xahar. Illi l-attur qiegħed jippretendi li jiġi kkanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm310.28,0 dovuta in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 773311 stallat fil-fond KW 5 *Industrial Estate Corradino,* liema servizz kien jikkonsisti fil-kera, telefonati lokali, *installation fee* u spejjeż ta' apparat tat-telefon mhux irritornat. Illi l-attur qiegħed jikkombatti l-allegata preskrizzjoni billi qiegħed jgħid li dak l-artikolu 2148(f) mhux applikabbli għall-kreditu ta' l-attur. L-attur irrifera għall-iskrittura li biha l-*konvenut applika biex jingħata s-servizz telefoniku in kwistjoni* (Dok. A a fol. 5) kif ukoll għas-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fit-13 ta' Mejju 1980 *in re "Postmaster General et vs* Michael James Falla";

Illi din il-Qorti taqbel li hawn *"non si tratta"* ta' kuntratt b'kiri ta' ħwejjeġ mobbli iżda *"invece si tratta"* ta' kuntratt *ad hoc* li bih jingħata servizz ta' telefon permezz ta' stallazjoni ta' tagħmir u apparat li jiġi stallat għand l-abbonat u li jkun ikkomunkat ma' l-abbonati l-oħra kollha *tramite "cables"* u

apparat stallat fl-*Exchanges* tal-Korporazzjoni;

Illi fis-sentenza ċċitata l-Qorti qalet hekk:

"Huwa veru li s-*subscriber* iħallas ***"charge"*** għal kull telefonata u "**kera**" ta' l-istallazzjoni jew apparat iżda dana ma jbiddilx in-natura tan-negozju, li huwa wieħed ta' servizz u huwa biss mod kif jiġi rregolat il-kumpens dovut għal dan is-servizz";

Illi din il-Qorti, tikkondividi din l-opinjoni u għalhekk il-kreditu ta' l-attur ma jistax jiġi kolpit bil-preskrizzjoni a tenur ta' l-imsemmi art. 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut qiegħda tiġi miċħuda għax mhix applikabbli għall-każ;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut ma ressaq ebda eċċezzjoni fil-mertu. Tabilħaqq l-ittra esebita bħala Dok. J F tammonta għall-ammissjoni tad-debitu. Huwa veru li hemmhekk l-avukat tal-konvenut irriserva li jagħmel il-verifika ta' l-ammont eżatt li kien dovut, però l-ammont mitlub mill-attur f'din il-kawża ma ġie bl-ebda mod ikkontestat in kwantu għall-ammont;

Illi mill-provi li ressaq l-attur din il-Qorti hi sodisfatta li l-ammont mitlub minnu hu verament dovut mill-konvenut;

Għal dawn il-motivi:

Prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta bl-ispejjeż a kariku tal-konvenut.